**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' April, 2024**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 1230/2020 JVC**

**Alfred Borg [ID536131M]u Costantino Borg [ID 31833M], bhal socji u f'isem, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Alfred u Costantino Borg partnership en nom collectif [P1052], bl-indirizz registrat fuq 110, Town Square Apartments, Residence 1, Qui-Si-Sana, Sliema , u Emanuel Borg [ID 735136M]**

**vs**

**Kunsill Lokali Iklin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi Alfred & Costantino Borg *partnership en nom collectif* hija propretarja tal-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Qasbi' fil-kontrada omonima, l-Iklin, drabi ohra maghrufa bhala limiti ta' Birkirkara, liema ghalqa tidher ahjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok 'A';

2. Illi r-rikorrenti Emanuel Borg jahdem l-ghalqa msemmija b'titolu ta' kommodat;

3. Illi l-imsemija ghalqa hija interkjuza u ma ghandhiex access ghal fuq triq pubblika;

4. Illi pero' fil-hajt tas-sejjiegh li jiccirkonda l-imsemmija ghalqa hemm apertura li taghti ghal passagg li jinsab fir-raba' ta' terzi;

5. Illi dan il-passagg kien jizbokka ghal fuq Triq R. Taylor;

6. Illi ghalhekk effettivament minn Triq R. Taylor wiehed kien jidhol ghall-passagg imsemmi u jghaddi minn fuq raba' ta' terzi biex jaccedi ghall-ghalqa mertu ta' din il-kawza;

7. Illi ricentement il-Kunsill Lokali intimat, tramite persuni inkarigati minnu ghamel xogholijiet fuq il-hitan tas-sejjiegh fi Triq R. Taylor permezz ta' liema l-hitan tas-sejjiegh gew imwaqqa' u mibnija mill-gdid;

8. Illi fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet il-Kunsill intimat ghalaq l-access li minn Triq R.Taylor kien iwassal ghal gor-raba' tal-partnership rikorrenti u dan billi l-hajt tas-sejjiegh il-gdid li nbena huwa hajt shih u l-fetha li kien hemm fih issa ma ghadiex tezisti;

9. Illi r-ritratti li qed jigu hawn annessi bhala Dok'B' juru l-hajt il-gdid kif inbena dan l-ahhar u li ma fih l-ebda fetha;

10. Illi x-xoghol mill-Kunsill intimat sar kollu kemm hu minghajr il-kunsens tal-esponenti u minhajr ebda pre-avviz lill-istess esponenti, u fil-fatt ix-xoghol kollu sar vjolentement, abbuzivament u klandestinament u kontra r-rieda tar-rikorrenti;

11. Illi effettivament bix-xogholijiet imsemmija l-Kunsill intimat ghalaq l-access li r-rikorrenti kellhom ghall-ghalqa fuq imsemmija;

12. Illi dan kollu jikkonstitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;

13. Illi minkejja l-interpellanzi tar-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddeciedi din il-kawza billi salv kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna ohra

1. Tiddikjara illi l-intimati permezz tal-agir taghhom jew ta' persuni inkarigati minnhom ikkommettew spoll recenti ghad-dannu tar-rikorrenti meta bnew mill-gdid jew ghamlu xoghlijiet fil-hitan tas-sejjiegh fi Triq R.Taylor, l-Iklin u ghalqu l-fetha li kien hemm fil-hajt originali biex hekk inghalaq l-access li r-rikorrenti kellhom ghal passagg fir-raba' ta' terzi li jwassal ghall-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Qasbi' fil-kontrada omonima, l-Iklin, drabi ohra maghrufa bhala limiti ta' Birkirkara, liema ghalqa tidher ahjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok 'A' , u liema ghalqa hija propjeta' tal-*partnership* rikorrent u tinhadem mir-rikorrent l-iehor Emanuel Borg;

2. Tordna lill-intimati jpoggu kollox fl-istat pristin tieghu, u in partikolari billi jergghu jifthu l-access fil-hajt tas-sejjiegh imsemmi, fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti taht direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti;

3. Tawtorizza r-rikorrenti, fil-kaz tal-inadempjenza tal-intimati, biex huma stess jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega sabiex jerga' kollox fl-istat pristin tieghu, u in partikolari billi jerga' jinfetah l-access fil-hajt tas-sejjiegh imsemmi, u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti u a spejjez tal-intimati;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 4360/2020, li huma minn issa ngunti wkoll ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt ghal danni spettanti lir-rikorrenti.'

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Iklin li taqra kif isegwi

1. 'Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu respinti fit-totalita' taghhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u senjatament minhabba s-segwenti ragunijiet;

2. Illi ma huwiex minnu illi r-rikorrenti jew min minnhom kellhom xi access kif allegat minnhom fir-rikors promotur;

3. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova skont il-ligi ta' dan il-passagg li kienu jgawdu kif minnhom allegat fir-rikors promotur;

4. Illi minghajr pregudizzju, m'huwiex minnu illi l-esponent b'xi mod ghalaq jew ostakola xi access li kellhom ir-rikkorenti. Ix-xogholijiet li gew ezegwiti mill-Kunsill Lokali intimat fuq dan il-hajt tas-sejjiegh in kwistjoni kienu unikament jikkonsistu fir-restawr tal-istess hajt tas-sejjiegh illi kien ikkrolla bil-moghdija taz-zmien. Ghalhekk, dak li ghamel il-Kunsill esponenti kien biss illi jgib il-hajt lura fl-istat originali tieghu;

5. Illi qabel ma gew ezegwiti x-xogholijiet imsemmijin fuq il-hitan tas-sejjiegh, l-esponenti kien ikkonsulta mas-sidien tal-ghelieqi illi jikkonfinaw ma dan il-hajt tas-sejjiegh sabiex jaccerta ruhu illi dawn is-sidien ma kellhomx oggezzjoni

dwar kif kien ser jigi restawrat dan il-hajt, senjatament peress li dan kellu jinbena mill-gdid. In oltre' il-Kunsill esponenti ghamel a disposizzjoni tal-partijiet interessati, il-pjanti tax-xogholijiet li kienu ser isiru. In segwitu ta' dan kollu, il-Kunsill esponenti, mhux talli ma rcieva ebda ilment dwar ix-xogholijiet li kienu ser isiru. In segwitu ta' dan kollu, il-Kunsill esponenti, mhux talli ma rcieva ebda ilment dwar ix-xogholijiet li kienu prospettati izda gie specifikament mitlub mis-sidien tal-ghelieqi illi jikkonfinaw dan il-hajt sabiex jassigura ruhu illi fejn il-hitan kien ikkrolla, jigi mibni mill-gdid minghajr ebda ftuh;

6. Illi ghaldaqstant, kwalunkwe xogholijiet ezegwiti mill-esponenti mhux biss saru bil-kunsens u l-permess tas-sidien tal-ghelieqi ikkoncernati, izda l-Kunsill mexa fuq struzzjonijiet ta' l-istess illi dan il-hajt jinbena fis-shih minghajr ebda tismija ta' xi passagg illi seta' jkun ezistenti f'dan il-hajt;

7. Illi gjaladarba l-Kunsill esponenti ma kienx informat bl-ezistenza ta' dan il-passagg, u wisq anqas bil-pretensjoni tar-rikorrenti, ma seta' qatt ikun hemm xi att vjolenti, abbuziv u/jew klandestin da parti tal-esponenti.

8. Illi minghajr pregudizzju, anke jekk ghas-sahha tal-argument, ir-rikorrenti kienu ddeciedew illi juzaw xi parti mill-hajt in kwistjoni illi kien krolla sabiex jaccedu temporanjament minn dik il-parti krollata, ma jfissirx illi effettivament kienu qed jezercitaw xi jedd, partikolament meta dan il-jedd pretiz lanqas is-sidien tal-ghelieqi ikkoncernati jidher li ma kienu jafu bih;

9. Illi għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli stante illi ma jissusistux l-elementi rikjesti mil-liġi għal azzjoni ta' spoll;

10. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti jeħtieġilhom jipprovaw l-elementi kollha tal-azzjoni tagħhom skont il-liġi bi provi idoneji, tajbin u konkreti;

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi ritenut ukoll illi mhuwiex minnu dak illi qed jiġi allegat mir-rikorrenti ossia illi dawn tħallew mingħajr aċċess għall-għalqa tagħhom, stante illi, kif ser jiġi ippruvat, dawn għandhom aċċess għat-triq pubblika minn band'oħra;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

B'riżerva għall-kwalunkwe azzjoni spettanti lill-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti, partikolarment għall-kumpens ta' danni illi jistgħu jiġu nkorsi mill-esponenti b'konsegwenza ta' din l-azzjoni frivola u vessatorja mressqa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Mejju, 2023 ir-rikors ġie differit għal-lum għad-deċiżjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-pjanta li turi l-proprjeta' tar-rikorrenti a fol. 6 tal-process. Rat ukoll ir-ritratti li jsegwu tal-hajt tas-sejjieh kif rega' gie mibni a fol. 7 et seq tal-process.

Rat **l-affidavit ta' Alfred Borg a fol. 25 et se**q tal-process fejn jispjega kif il-partnership Alfred & Costantino Borg (precedentement Borg Brothers Limited) kienet xtrat l-ghalqa in kwistjoni permezz ta' kuntratt fid-29 ta' Lulju, 1969 (kopja esebita a fol. 34 et seq). Dwar l-allegat passagg jixhed:

'Sa minn qabel ma xtrajniha l-art kienet interkjuza jigifieri ma kellhiex access dirett mit-triq u kont tista' tasal ghaliha biss billi tghaddi minn fuq raba' ta' haddiehor permezz ta' moghdija li tidhol ghaliha minn go apertura fil-hajt li kien hemm fit-triq, liema triq illum jisimha Triq R. Taylor. Jgifieri tidhol mill-fetha fi Triq R. Taylor, tghaddi minn fuq raba' ta' terzi u tinfed ghal gol-ghalqa taghna. Bejn l-ghelieqi hemm ukoll bibien miftuha fil-hitan biex wiehed jghaddi minn ghalqa ghall-ohra. Jien nikkonferma li ghaddejt personalment b'dan il-mod biex nidhol fl-ghalqa taghna.'

Dwar il-pjanta annessa mar-rikors guramentat a fol. 6 jghid li din kienet saret minn surveyor Chris Micallef lura fis-sena 2016 qabel ma sar il-kuntratt ta' kommodat ma' Emanuel Borg fis-27 ta' Lulju, 2016 (ara fol. 39 et seq). Jsostni li tul dan iz-zmien kollu kemm hu

u kemm Emanuel Borg qatt ma kellhom problemi sabiex jaccedu ghall-ghalqa mill-passagg in kontestazzjoni u l-fetha.

Illi dwar l-allegat spoll jixhed:

'Lejn l-ahhar ta Novembru 2020 kien cempilli Simon Borg, li jigi iben il-bidwi Emanuel Borg, u qalli li kien hemm bzonn niltaqa' ma' missieru ghax kienu ghalqu l-bieb jew fetha li taghti ghall-passagg. Imbaghad mort nara l-ghalqa ma' Emanuel Borg u rajt li l-hajt fi Triq R. Taylor kien inbena mill-gdid izda nbena minghajr il-fetha. Ghalhekk il-fetha li minnha wiehed kien jghaddi biex mit-triq finalment jasal ghall-ghalqa taghna ma bagghetx tezisti. Emanuel Borg qalli li x-xoghol kienu ghamluh tal-Kunsill.'

Jghid li fl-1 ta' Dicembru, 2020 kien mar il-Kunsill u tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv Etienne Montfort li sostna li x-xoghol kien ghamlu l-Kunsill wara li kkonsultaw mas-sidien tal-ghalqa li tmiss mat-triq. Jinsisti izda li lilu u lil huh hadd ma kien ikkonsultah u lanqas lill-bidwi Emanuel Borg. Jghid li huwa jaf li l-bidwi Emanuel Borg apparti l-ghalqa taghhom jahdem ukoll diversi ghelieqi ohra fosthom dik li tmiss mat-triq u li hu u huh iridu li l-fetha terga' tigi ripristinata ghaliex ma tawx il-kunsens taghhom biex tinghalaq. Izid li huh Costantino halla kollox f'idejh izda hu baqa' izomm infurmat lil ibnu Joe Borg.

Rat l-**affidavit ta' Joe Borg iben Alfred Borg a fol. 44 et seq** tal-process. Jixhed li minhabba li missieru kiber fl-eta' hu johodlu hsieb il-proprjeta' tieghu fosthom l-ghalqa in kwistjoni. Dwar l-allegat passagg isostni kif isegwi:

'Jiena dik l-art kont naf ezattament fejn tigi ghaliex fil-passat gieli mort f'dawk l-akkwati biex nara fejn tigi l-art ta' missieri. Niftakar

per ezempju li kont mort f'dawk l-inhawi fiz-zmien meta missieri kien ghamel kuntratt ta kommodat mal-bidwi Emanuel Borg fl-2016. Naf li l-art hija kompletament interkjuza u kont tidhol ghaliha minn fetha jew bieb li kien hemm fil-hajt fi Triq R. Taylor, ghaliex din il-fetha rajtha b'ghajnejja kemm-il darba. Anke jekk thares biss mit-triq kont tara l-passagg li minn Triq R. Taylor jghaddi minn fuq ir-raba' ta' terzi biex tasal ghal-ghalqa ta' missieri. Bejn ir-raba' ta' missieri u r-raba' tal-gar hemm ukoll bieb fil-hajt divizorju li jippermettilek tidhol fl-ghalqa taghna. Minn dejjem ukoll niftakar lil missieri jghid li peress li l-art m'ghandhiex access ghat-triq hemm dritt ta' passagg kif ghadni kemm iddeskrivejt. Jiena naf li kien hemm fetha fil-hajt fi Triq R. Taylor ghaliex kont rajtha b'ghajnejja. Din il-fetha tidher ukoll f'ritatti mehudin minn fuq Google Earth li sibthom bl-ghajnuna ta ibni Michael. Qed nannetti dawn ir-ritratti bhala Dokumenti 'JB1', 'JB2' u 'JB3'. Fl-ewwel wiehed tidher il-fetha fil-hajt tat-tria, u fit-tieni u t-tielet wiehed jidhru l-bibien bejn l-ghelieqi.'

Rat ir-ritratti a fol. 45 li effettivament juri l-fetha fil-hajt, konkos mal-art u pallett li jevidenzja li hemmhekk kien jintuza bhala entratura ghall-ghelieqi.  Rat ukoll li fuq wara jidher passagg fil-hamrija u a fol. 47 il-fethiet ulterjuri fil-hitan tas-sejjieh minn ghalqa ghall-ohra.  Rat ir-ritratti sussegwenti li juru kif inghalqet din il-fetha billi nbeda hajt shih.

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 62 li permezz taghha giet esebita kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut datat 29 ta' Lulju 1969.

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 87 tal-process li permezz taghha gie esebit kopja tal-permess ta' zvilupp bin-numu PA 01622/19

relattiv ghax-xoghlijiet li saru fuq il-hajt tas-sejjieh in kwistjoni. Il-permess igib id-data tal-10 ta' Lulju 2019.

Rat ix-**xhieda ta' Etienne Montfort, segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Iklin a fol. 98 et seq tal-process**. Jghid li x-xoghol fuq il-hajt in kwistjoni probabilment sar minn certu Joseph Gili. Il-hajt sar b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Jsostni li ttiehdu ritratti tal-hajt fil-process tal-applikazzjoni. Ma kinitx l-unika triq li fiha saru x-xoghlijiet fil-hitan. Muri r-ritratt a fol. 45 jaghraf is-sitwazzjoni tal-hajt in kwistjoni qabel saru x-xoghlijiet. Dwar is-sidien tal-ghelieqi koncernati jghid li hemm numru ta' sidien u qabel il-Kunsill esegwixxa x-xoghlijiet gabu l-kunsens minghand is-sidien kollha 'ta' dik l-ghalqa'. Izid li qabel inbdew ix-xoghlijiet bilfors riedu jgibu l-kunsens tas-sidien. Mistoqsi kif infurmaw lis-sidien jghid li ghamlu laqgha, cemplu lis-sidien u laqqawhom fil-Kunsill kollha f'daqqa. Isostni li l-kuntatti tas-sidien gabuhom minghand il-persuna li tahdem l-ghalqa imma ma jafx x'jismu. Lill-persuna li tahdem l-ghalqa ma talbuhx jattendi ghal-laqgha ghax jghid li huma lis-sidien jafu mhux min jahdem l-ghalqa. Jinsisti li dak li jidher fir-ritratt ikkonfermat minnu huwa kollass tal-hajt u mhux fetha. Jghid li mhux qed jara xatba fuq ir-ritratt a fol. 45. Jikkonferma izda li fir-ritratt jidher konkos mal-art u jghid li rah fuq il-post. Jinsisti li izda ma tikwalifikax bhala fetha. Jghid li mas-sidien gie diskuss kif ser isir ix-xoghol tant li anki kellu jsir survey fuq il-post sabiex zgur ma tintilef l-ebda hamrija jew art sabiex il-hajt rega' tela' precizament kif kien. Jikkonferma li fir-ritratti sussegwenti jidher il-hajt kif imtella. Jghid li dahlu ghall-progett tal-hajt partikolari biex jikkoregu l-hsara li kien hemm inkluz dak li jsejjah kollass b'dana li tellawh ukoll. Jikkonferma mal-Qorti li fejn kien hemm dak li hu qed isejjah kollass mal-bini tal-hajt dan inghalaq. Izid li n-nies kienu qed jilmentaw minn kollass tal-hajt f'diversi partijiet tieghu. Jsostni li l-persuna li

tahdem l-ghalqa kien prezenti fuq il-post meta sar is-'site meeting'. Ix-xhud ma kienx fuq il-post tul il-progett kollu u ma kienx hemm meta nbniet il-parti in kontestazzjoni. Jinsisti li kull pass li ghamel il-kuntrattur kien bil-kunsens tas-sidien. Jghid li ma jidhirlux li ttiehdu minuti tal-laqgha mas-sidien. Jiftakar li wara li tlesta x-xoghol il-Kunsill marru jkellmuhom il-persuna li tiffrekwenta r-raba' li tmiss mal-hajt u persuna ohra. Dawn qalulhom li kellhom access u l-Kunsill talbuhom l-evidenza li kellhom access u l-Kunsill ikun jista' jerga' jitkellimha. Flok marru lura jkellmuhom ircevew bl-Avukat. Il-posizzjoni tal-Kunsill kienet li l-kantuniera tal-hajt tibqa' mibnija.

Issir referenza lix-xhud ghall-kundizzjoni fil-permess ta' zvilupp li timponi li ma jistax ikun hemm modifika of existing 'access routes' u mistoqsi jekk tawx kas din il-kundizzjoni jghid li sa fejn jaf hu ma ghamlu l-ebda modifika. Anzi jzid li s-sidien iddiskutew mal-Perit u ghamlu premura li l-hajt jinghalaq stante li jinsab mat-triq sabiex ma jkunx hemm abbuz ta' rimi ta' skart fl-ghalqa. Mistoqsi jekk iddiskutewx id-drittijiet ta' terzi kif imsemmija fil-permess ta' zvilupp fil-livell ta' Kunsill, jghid li le.

Rat ix-**xhieda ta' Dorian Sciberras, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Iklin** mistoqsi fuq liema livell kien involut fil-progett jghid li huwa progett li wiret, li l-Kunsill joqghod fuq dak li jghidilhom il-Perit u li hu kien prezenti ghal laqgha wahda illi saret fuq il-post bejn il-Kunsill, il-perit u l-kuntrattur, is-sidien u u kien hemm ukoll prezenti l-persuna li tahdem l-ghalqa. Is-sidien riedu li jsir 'survey' sabiex zgur ma tintilifx xi parti mill-ghalqa u anki saru posti qabel inqala l-hajt. Il-fetha fil-hajt jghid li huma dejjem ikkunsidrawha bhala kollass tal-hajt tas-sejjiegh. Waqt il-laqgha ddiskutew li l-hajt kellu jitla' b'mod kontinwu u kien hemm insistenza dwar dan da parti tas-sidien. Il-persuna li tahdem l-

ghalqa dakinhar ma kkontribwixxa xejn u ma gie diskuss fl-ebda hin kif hu kien ser jaccedi ghall-ghalqa.  Izid li n-numri ta' kuntatt tas-sidien kien gabhom minghandu stess.  Dakinhar il-laqgha fuq il-post kienet fuq livell tekniku ghaliex kien hemm ukoll il-Periti, kien kliem tekniku hafna.  Meta kienu qed jghidu li l-hajt irid jitla' kontinwu kienu qed jitkellmu dwar il-hajt in generali.

Rat ir-ritratti tal-hajt kif l-intimati jsostnu li kien a fol. 118 u 119 tal-process.  Rat il-kopja tal-minuti esebiti a fol. 120 et seq u rat kif a fol. 127 sar accenn ghall-kawza odjerna u kif is-Sindku sahaq li l-Kunsill kien ser ihalli l-hajt shih ghaliex is-sidien kienu nsistew li dan jinbena shih sakemm ma jkunx hemm decizjoni bil-kontra mill-Qorti.

Rat il-kopji tal-ittri registrati li ntbaghtu lis-sidien fit-termini tal-applikazzjoni ta' zvilupp a fol. 140 et seq tal-process u rat li hadd mir-rikorrenti ma gie ndirizzat b'dawn l-ittri.

Rat il-kopji tal-ittra interpellatorja ndirizzata lill-Kunsill intimat datata 11 ta' Dicembru, 2020 a fol. 150 tal-process kif ukoll tal-ittra ufficcjali indirizzata lill-Kunsill intimat datata 16 ta' Dicembru, 2020 a fol. 152 tal-process.

Rat ir-ritratti esebiti a fol. 163 et seq tal-process u rat partikolarment ir-ritratt a fol. 164 li jaghti evidenza cara ta' x'kien hemm fil-parti tal-hajt in kontestazzjoni qabel ma saru x-xoghlijiet.

Rat il-**kontinwazzjoni tax-xhieda ta' Etienne Montfort a fol. 170 et seq tal-process**.  Jispjega li r-ritratt a fol. 118 tal-process juri l-hajt meta gia kien fil-process li jitwaqqa', kien diga' beda jahdem il-kuntrattur.  Mistoqsi x'kienet l-insistenza tas-sidien jghid illi f'wahda mil-laqghat fuq il-post is-sidien stressjaw il-punt illi

mportanti li l-hitan, la l-Kunsill qed jaghmel dan il-progett, ikun qed isir b'mod tajjeb, skont is-sengha u l-arti u li jsir b'tali mod illi ma jkunx hemm iktar abbuzi, fosthom illi kienu qed jintefa l-iskart fir-raba' taghhom. Mistoqsi jekk f'xi punt gietx dikussa l-fetha jghid li l-importanti ghas-sidien kien li l-ghalqa tkun 'cordoned' biex ma jkumx hemm 'dumping'. Dwar jekk qattx gie diskuss fil-laqghat mal-Kunsill l-ilment tar-rikorrenti mal-Kunsill jghid li le. Hadd ma gibed l-attenzjoni tal-membri li kienet dahlet 'complaint'.

**A fol. 175 et seq tal-process jerga' jixhed is-Sindku tal-Kunsill tal-Iklin Dr. Dorian Sciberras**. B'referenza ghar-ritratt a fol. 163 jikkonferma li d-dar indikata fir-ritratt faccata tal-hajt li fuqu sar ix-xoghol bl-indirizz 10 is-Sienja hija d-dar tal-genituri tieghu u ta' fejn trabba hu u li fuqu kien ghad ghandu l-indirizz registrat mar-registru elettorali. Jaqbel ukoll li faccata ta' din id-dar hemm binja ohra (ara fol. 165) li kien ilha mis-sena 2013 tintuza minnu bhala ufficcju izda issa tintuza mill-wiehed mill-'partners' tal-ufficcju. Jghid ukoll li jaf min huma dawk li jirrisjedu faccata tal-post tal-genituri tieghu ghalkemm ma jafx isimhom. A fol. 163 jaghraf il-hajt in kontestazzjoni kif kien qabel. B'referenza ghall-minuti tat-13 ta' Jannar 2021, mistoqsi min kienu s-sidien tar-raba' li ghamel referenza ghalihom jghid li ma jiftakarx bl-amment izda kienu prezenti ghas-'site meeting' li sar. Is-sidien tal-fond faccata tad-dar tal-genituri tieghu ma kienux prezenti dakinhar. Mistoqsi jekk lil min kien prezenti staqsihomx dwar dik il-fetha jghid li s-sidien insistew li l-hajt jigi mibni b'mod kontinwu sabiex jinqata' l-abbuz minn terzi. Il-hajt kien fi stat disastruz. Mistoqsi allura hu xi struzzjonijiet ta jghid:

'Ftehmna illi l-kuntrattur ghandu jaghmel il-posti u jara u jimmarka ezatt kif ha jitla l-hajt, u saret meeting bejn il-kuntrattur,

l-perit u l-istess sidien biex taw il-kusnens li ok ser jitla' b'dak il-mod'.

Mistoqsi kienx prezenti ghal dan il-'meeting' jghid li le. Jghid li waqt il-laqghat tal-kunsill huwa tkellem fuq il-progett u fhiex wasal mhux b'mod speficiku. Dwar il-fetha in partikolari jghid li ma gietx diskussa.

Rat a fol. 183 tal-process l-erba' ritratti esbiti mill-Kunsill intimat li juru l-hajt qabel ma gie demolit.

Rat **l-affidavit ta' Julian sive Giljan Gauci a fol. 186 tal-process** li jsostni li huwa wiehed mis-sidien tal-ghalqa li tmiss mal-hajt in kwistjoni li jixhed kif isegwi:

'Il-hajt tas-sejjiegh illi kien jaqsam l-ghalqa u t-triq kienu fi stat hazin u l-kantuniera tieghu kienet anke waqghet. Nikkonferma illi ma kienx hemm passaggi mit-triq hlief mill-kantuniera li ged tigi mmarkata bl-ittra 'A'.

Il-Kunsill kien kellimna bhala sidien biex jispjega l-progett ta' restawr ta' hitan illi kien ser jaghmel u ltqajna fuq il-post sabiex niddiskutu u niftehmu kif se jerga', jinbena l-hajt, partikolarment sabiex il-Kunsill jassigura illi l-hajt jinbena fil-post it-tajjeb. Nikkonferma illi waqt dawn il-laqghat meta ddiskutejna dan il-hajt il-gdid li kellu jinbena, ahna tlabna lill-Kunsill sabiex jibni dan il-hajt b'mod shih u ma jhallix fethiet, inkluz fethiet li seta' kien hemm fil-kantuniera fejn iggarraf il-hajt.

Ahna nafu bil-kawza li ghamlu s-sinjuri Alfred u Costantino Borg, u nikkonfermaw illi ahna la qatt tajna d-dritt u lanqas ghandhom xi drittijiet li jaccedu mill-ghalqa taghna s-sinjuri Borg mill-fetha li

qed jghidu li kienet passagg (immarkata bl-ittra 'B'). Kien ghalhekk illi ahna tajna struzzjonijiet lill-Kunsill sabiex jaghlaq kwalunkwe fetha li seta' kien hemm, inkluz dik li ged jirreferu ghaliha s-sinjuri Borg fil-kawza taghhom.’

Rat ir-ritratt mill-ajru anness mal-affidavit a fol. 187 li juri l-ghalqa li tmiss mal-hajt u li fuqu gie indikat fejn kienet il-fetha.

Rat **li s-sidien l-ohra Margaret Gauci (fol. 188), Salvator Galea (fol. 189) u Thomas Galea (fol. 190)** lkoll ikkonfermaw dak li xehed qabilhom Julian Gauci.

Rat ix-**xhieda in kontro-ezami tar-rikorrent Alfred Borg a fol. 193 et seq tal-process.** Mistoqsi kemm ilu ma jmur fuq il-post jghid li anki wara li ghalquh mar imma sabu dejjem maghluq. Mistoqsi dwar qabel jghid li ilu hamsin sena jmur bil-gust. Jghid li qabel ma ghalquha hu kien imur kull tant jittawwal ghaliex hemm kien hemm il-bdiewa jahdmuha. Ma kienx jigbor qbiela ma kien izommlu xejn. Mistoqsi jekk il-bidwi jidholx bil-karozza sal-ghalqa jghid li le, jidhol biex jahratha u kien jidhol minn fejn gie maghluq il-hajt tant li hemm fetha ohra fil-hajt tal-ghalqa tieghu u jidhol minnha. Bil-karozza ma jistax jidhol. Izid li dejjem kien hemm il-fetha u kultant kienu jaghlquha b’xi bicca injama bhala xatba. Il-hajt qabel kien naqra imharbat izda l-hajt kien jidher li hu hajt. Jghid li hu qatt ma kellu diskussjonijiet mas-sidien tal-art li tmiss ma’ Triq Richard Taylor. Jghid izda li dik jahdimha wkoll il-bidwi tieghu. Mistoqsi jekk jafx li l-Kunsill kellem lis-sidien ta’ dik l-ghalqa qabel ix-xoghlijiet jghid li lilu hadd ma avzah xejn, lanqas lill-bidwi.

Rat li **s-Sindku Dr. Dorian Sciberras xehed ulterjorment permezz ta' affidavit a fol. 202 et seq tal-process**. B'zieda ma dak li gia kien xehed fix-xhieda precedenti huwa jsostni kif isegwi:

'8. Illi x-xoghlijiet li saru mill-Kunsill Lokali mhux biss saru bil-kunsens u l-permess tas-sidien tal-ghelieqi ikkoncernati, izda x-xoghlijiet saru sahansitra fuq struzzjonijiet tal-istess sidien u cioe illi l-hajt jinbena b'mod shih minghajr l-ebda ftuh u passaggi. Is-sidien li tawna dawn l-istruzzonijiet kienu Giljan Gauci, Margaret Gauci, Salvatore Galea u Thomas Galea, illi lkoll xehdu fdin il-kawza;

9. Il-Kunsill Lokali ma kienx informat bl-ezistenza ta' xi passagg jew bid-drittijiet ezercitati mill-familja Borg waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet u lanqas ma twaqqaf jew gie nfurmat biex ma jsirux xogholijiet. Kien biss wara li sar ix-xoghol illi rcevejna xi komuniki minghand l-atturi f din il-kawza;

10. Apparti hekk, kif spjegajt il-Kunsill kien qed jagixxi fuq struzzionijiet tal-imsemmijin sidien meta ghamel ix-xogholijiet illi permezz taghhom, allegatament ghalaq din l-allegata fetha illi kienet isservi ta' access ghall-atturi u ghalhekk ma kkommetta l-ebda spoll;

11. Illi jekk il-hajt jitregga lura ghall-istat originali tieghu, ikun hemm riskju illi l-Kunsill isofri danni sostanzjali ghaliex biex sar dan il-progett, kienu ntuzaw fondi tal-Unjoni Ewropea kif gie spjegat precedentement.'

Rat ukoll li **Etienne Montfort xehed ulterjorment permezz ta' affidavit a fol. 205 et seq tal-process.** B'zieda ma' dak li kien gia xehed jemfasizza li l-Kunsill ghamel xoghol ta' restawr tal-istess

hajt sabiex igibu lura ghall-istat originali tieghu. Sabiex ghamel dan ikkonsulta mas-sidien u saru laqghat mill-anqas tlett laqghat fuq il-post mas-sidien li emfasizzaw li ma kellha tittiehed ebda parti mill-art taghhom. Il-hajt kien fi stat hazin tant li kienu r-residenti li meta tiggarraf xi parti minnu kienu jergghu jibnuh kif jafu huma izda mhux skont is-sengha u l-arti. Fil-process tal-permess ta' zvilupp twahhlu wkoll l-avvizi fuq il-post izda r-rikorrenti ma ressqu l-ebda ilment. Skont hu r-rikorrenti ghandhom access iehor ghall-ghalqa taghhom u jerga' jemfasizza li x-xoghlijiet saru bil-kunsens tas-sidien tal-ghalqa li tmiss mat-triq. Il-Kunsill fl-ebda hin ma gie nfurmat b'xi ezistenza ta' passagg jew gie mwaqqaf milli jaghmel ix-xoghlijiet. Izid li x-xoghlijiet saru b'fondi tal-Unjoni Ewropea ghalhekk jekk il-hajt jerga' jingab fl-istat li kien hemm riskju li l-Kunsill isofri danni.

Rat **ix-xhieda tar-rikorrent Emanuel Borg a fol. 209 et seq tal-process** . Jikkonferma li huwa kien jaf li l-Kunsill kien ser jaghmel ix-xoghlijiet fuq il-hajt. Huwa sar jaf li ser iwaqqawh meta rahom gejjin jaghmlu x-xoghlijiet. Jghid li s-sidien tal-ghalqa li tmiss ezatt mal-hajt mhux qed jaccettaw il-qbiela. Mistoqsi jekk kellimx lis-sidien meta ra li qed iwaqqawlu l-hajt jghid li mbaghad gew huma mhux hu qalilhom. Is-sidien tal-qbiela marru fuq il-post jithaddtu izda lilu ma kellmuh xejn. Ma jafx jekk dawn tkellmux mal-Kunsill. F'din l-ghalqa huwa ghadu jmur u jmur bil-mixi. Jaqbez il-hajt biex jidhol u l-ingenji jghaddihom minn tan-nies. Jghid li bl-ingenji dejjem kien jghaddi minn fuq tan-nies ghaliex il-fetha hija dejqa minnha kien jghaddi bil-mixi. Jghid li qabel kien jghaddi bl-ingenji u bil-karrettun mill-fetha u kien jaghlqu bit-tankijiet. Imbghad nehhewlu t-tankijiet. Mbaghad kien tella' erba' gebliet u marru joqghodu n-nies hemmhekk. Kienu jipparkjawlu hemm u ma setax jidhol allura kien waqqa' naqra ohra mill-hajt biex jidhol. Jghid li dan ilu aktar minn ghaxar snin ghax in-nies

ilhom li gew joqghodu hemm aktar minn tletin sena. Huwa issa jghaddi bl-ingenji minn fuq in-nies ghaliex ihalluh. Il-hajt li ttella issa ghamlu l-Kunsill. Il-qbiela tas-sidien tal-ghalqa li tmiss mat-triq jitfaghha l-Qorti. Qabel ma twaqqa' l-hajt kienu gia ma jaccettawx il-qbiela. Is-sidien lilu ma ghamlulux kawzi.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi tal-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin huma regolati bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'.

Illi dwar l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April, 1958 illi:

'In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;

L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);.....'.

Illi mis-suespost johorgu t-tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

i. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

ii. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

iii. **Infra bimestre deduxisse** – li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

It-tlett (3) elementi ndikati jridu jissussistu kumulativament. F'kaz li wahda mill-elementi hija mankanti, l-azzjoni ta' spoll privilegjat ma tirnexxix. Hekk inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Marzu, 1958 illi:

> 'Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.'.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Pussess:-**

Illi ghal dak li huwa l-element tal-pussess din il-Qorti rat l-affidavit u x-xhieda tar-rikorrent Alfred Borg, ta' ibnu Joe Borg kif ukoll tal-bidwi rikorrent Emanuel Borg li lkoll jikkonfermaw l-ezistenza tal-fetha fil-hajt fil-kantuniera liema fetha kienet giet evidentement konvertita f'passagg u xatba stante l-konkos mal-art u wkoll l-gheluq permezz ta' 'pallet'. Dan johrog ukoll car mir-ritratt esebit a fol. 45 tal-process. Mir-ritratti esebiti jidher ukoll li minn din il-fetha wiehed kien jasal ghall-ghalqa tar-rikorrenti minn passagg fuq l-ewwel ghalqa u fetha ohra fil-hajt li jmiss mal-ghalqa tar-rikorrenti (ara r-ritratti a fol. 45 u 46 tal-process). In vista ta' din l-evidenza l-Qorti tqis li x-xhieda mressqa mill-Kunsill

intimat lkoll ma kienux qed jghidu l-verita' meta sostnew li kull ma kien hemm kollass tal-hajt u li ma kienx hemm passagg.

Illi l-Qorti tqis li fl-atti tressqet bizzejjed evidenza da parti tar-rikorrenti li tikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad tal-probabbli li l-fetha in kwistjoni kienet ilha snin twal tintuza bhala entratura sabiex twassal ghal-ghalqa proprjeta tal-rikorrenti *socjeta en nom collectif.* Il-bidwi Emanuel Borg ukoll kien jezercita' pussess sabiex jghaddi minn din il-fetha u jasal ghall-ghelieqi mahduma minnu fosthom dik tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-element tal-pussess da parti tar-rikorrenti gie sodisfatt.

**Spoliatum Fuisse:-**

Illi mill-provi fl-atti rrizulta li kemm is-Sindku tal-Kunsill intimat kif ukoll is-sidien tal-ewwel ghalqa li tmiss mat-Triq kellhom interess li b'xi mod jehilsu mill-fetha fil-kantuniera tal-hajt in kwistjoni. Da parti tieghu is-Sindku kellu interess dirett stante li faccata tal-istess hemm id-dar tal-genituri tieghu filwaqt li hdejn l-istess hajt hemm l-ufficcju tieghu b'dana li din il-fetha u passagg ghall-ghelieqi jidher li kien qed jikkrea inkonvenjent probabilment habba 'parkegg' u forsi uzu illecitu tal-ewwel ghalqa biex terzi jitfaw l-iskart. Da parti tas-sidien tal-ewwel ghalqa rrizulta li dawn ma jridux lill-bidwi rikorrent jahdem aktar l-ghalqa taghhom tant li mhux qed jaccettaw il-qbiela ghalhekk kellhom ukoll interess li jghalqulu l-fetha u wkoll jehilsu mill-passagg ezistenti minn fuq il-proprjeta' taghhom ghal dik tar-rikorrenti. Kjarament dawn huma motivi cari li wassal lill-Kunsill intimat li sahansitra sab kollaborazzjoni mat-terzi sidien sabiex jiehdu l-ligi b'idejhom u jghaddu sabiex jaghlqu l-hajt in kwistjoni ghalkemm

forsi mhux neccessarjament parti wahda kienet konxja bil-motivi tal-parti l-ohra.

Illi hareg ukoll mill-provi li ghalkemm ir-rikorrenti bidwi pprovda n-numri ta' kuntatt tas-sidien tal-ewwel ghalqa huwa ma nghata l-ebda informazzjoni dwar x-xoghlijiet kienu ser isiru hlief li ser jerga' jinbena l-hajt. Hareg mill-provi li hadd ma kien nfurmah li l-fetha li minnha kien jidhol hu kienet ser tinghalaq. Tant hu ma kienx infurmat b'dan li malli nduna x'sehh mar jinforma lis-sidien tal-ghalqa l-ohra aktar il-gewwa r-rikorrenti l-ohra.

Din il-Qorti hija konvinta li l-azzjoni tal-gheluq tal-fetha saret b'mod vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti da parti tal-Kunsill intimat. Il-fatt li saret applikazzjoni ta' zvilupp ghall-hajt li kienet semplicement taqra 'Proposed repair of dilapidated rubble walls' u twahhlu l-avvizi ma kienx neccessarjament ifisser li ser jinghalaq l-access anzi aktar wiehed jahseb li l-istatus quo kien ser jinzamm u mhux bil-kontra.

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti tqis li l-element tal-*ispoliatum fuisse* gie wkoll sodisfatt.

*Infra Bimestre Deduxisse:*

Il-Qorti rat li l-Kunsill intimat mkien ma kkontesta li l-kawza odjerna ma nfethitx fi zmien xahrejn minn meta inghalqet il-fetha in kwistjoni. Da parti taghhom ir-rikorrenti prezentaw ittra nterpellatorja datat 11 ta' Dicembru, 2020 u ittra ufficcjali datata 16 ta' Dicembru, 2020 li lkoll jidentifikaw li x-xoghlijiet saru ricentement. Fil-fatt ir-rikorrenti jsostni li xoghlijiet saru f'Novembru, 2020. Jirrizulta li l-kaz odjern gie ntavolat ftit jiem wara l-istess ittri cioe nhar it-23 ta' Dicembru, 2020 ghalhekk anki

li kieku x-xoghlijiet saru fl-1 ta' Novembru, 2020 l-kaz infetah entro t-terminu mpost mil-ligi.

Ghalhekk il-Qorti tqis li anki l-element tax-xahrejn gie sodisfatt mir-rikorrenti.

Konkluzjoni:

Illi stante li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw it-tlett elementi rikjest mil-ligi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll odjerna l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Ghal dak li huwa reintegrazzjoni tal-fetha in kwistjoni l-Qorti taghmel referenza ghar-ritratt a fol. 45 tal-process u ser tordna sabiex din tigi reintegrata kif dehret fl-istess ritratt.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill intimat tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-Kunsill intimat permezz tal-agir tieghu jew ta' persuni inkarigati minnu ikkommettew spoll recenti ghad-dannu tar-rikorrenti meta bnew mill-gdid jew ghamlu xoghlijiet fil-hitan tas-sejjiegh fi Triq R.Taylor, l-Iklin u ghalqu l-fetha li kien hemm fil-hajt originali biex hekk inghalaq l-access li r-rikorrenti kellhom ghal passagg fir-raba' ta' terzi li jwassal ghall-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Qasbi' fil-kontrada omonima, l-Iklin, drabi ohra maghrufa bhala limiti ta' Birkirkara, liema ghalqa tidher ahjar fuq il- pjanta hawn annessa u mmarkata

Dok 'A' , u liema ghalqa hija propjeta' tal-*partnership* rikorrent u tinhadem mir-rikorrent l-iehor Emanuel Borg;

2. Tordna lill-Kunsill intimat jpoggi kollox fl-istat pristin tieghu, u in partikolari billi jergghu jifthu l-access fil-hajt tas-sejjiegh imsemmi kif jidher fir-ritratt esbiet fl-atti a fol. 45 tal-process fi zmien massimu ta' xahar minn meta d-decizjoni ssir gudikat taht is-sorveljanza tal-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat ghal dan il-ghan a spejjez tal-Kunsill intimat;

3. Tawtorizza r-rikorrenti, fil-kaz tal-inadempjenza tal-Kunsill intimat fit-terminu mpost fuqu sabiex huma stess jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega sabiex jerga' kollox fl-istat pristin tieghu u in partikolari billi jerga' jinfetah l-access fil-hajt tas-sejjiegh imsemmi, u dan taht id-direzzjoni ta' Perit Mario Cassar kif gia nominat fil-paragrafu precedenti a spejjez tal-Kunsill intimat;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-Kunsill intimat.

Tordna notifika tad-decizjoni lill-Perit Mario Cassar fil-mument li ssir gudikat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' April, 2024**